KUNSILL LOKALI BORMLA IL-ĦAMES KUNSILL

MINUTI SEDUTA NRU. 06

**IL-ĦAMIS 22 TA' OTTUBRU 2009**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar il-Ħamis 22 ta' Ottubru 2009 fis-6.35 ta' fil-għaxija fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill.

**PREŻENTI (Seba' Kunsilliera)**

**Is-Sindku** Joseph Scerri, **il-Viċi Sindku** Alison Zerafa u **l-Kunsilliera** James Cauchi, John Vella, Pablo Cachia Belli, Roderick Mamo u Raymond Balzan.

**TALBA**

**Is-Sindku Joseph Scerri** qal it-talba.
Is-Seduta kienet imsejħa bi qbil sabiex il-Kunsill jiddeċiedi l-ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv, kif ukoll l-Attivita' tal-Milied u Jum Bormla 2009, 19 ta' Novembru 2009.

**06/01 MINUTI TAS-SEDUTI NRU. 05**

**Is-Sindku Joseph Scerri** ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 05, li nżammet nhar il-Ħamis 1 ta' Ottubru 2009, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier John Vella** ssekonda.

**Ivvutaw Favur is-seba' (7) Kunsilliera preżenti,** Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni (0).

**Il-Kunsill unanimament ikkonferma l-Minuti tas-Seduta Nru. 05**.

**06/02 ATTIVITA' TAL-MILIED DOK 'A1)**

**Is-Sindku** stieden lis-sur Pierre Bugeja u lis-sur Etienne Falzon sabiex jispjegaw lill-Kunsill il-proposta ta' l-attivita' tal-Milied li l-Kunsill beħsiebu jtella' għat-tieni sena.

**Is-Sur Falzon** fisser li din l-attivita' maħsuba għat-23 ta' Diċembru, attivita' waħda f'jum wieħed, bix-xeħta ta' din l-attivita' maħsuba li tinħadem u tittella' ġewwa qalb in-nies. Huwa sostana li sabiex jiġu nies minn barra l-ewwel iridu jipparteċipaw l-istess nies tal-lokalita', u bl-istess residenti jkunu meġġa' jipparteċipaw. Dan hu maħsub li jsir bl-attivitajiet fi Triq l-Oratorju, Triq Santa Margerita, u Triq San Ġorġ, bit-toroq imżejna bix-xemgħat, u bit-triq tintrema' għall-Milied. Presepju full

size se jittella' fil-kennierja, filwaqt li fl-Oratorju fejn hemm gawhra ta' orgni li ġie rrestawrat, u se jindaqq għall-okkażjoni. Se jkun ukoll organizzat wirja għat-tfal bil-bambini, kif ukoll se jkun hemm l-kant minn kwartett ta' tfal minn Bormla, kif ukoll wirjiet privati dwar il-Milied, u fil-Birmula Heritage se jkun hemm wirja ta' Pittura, kif ukoll tiġi mtella' play dwar il-Milied.

Huwq fisser li hemm ukoll maħsub sabiex taħt is-Suq Bonnici, f'dik il-bitħa tinħadem il-play ta' Guże Chetcuti Il-Kerrejja, play li tinħadem live. Minbarra dan se jkun hemm ukoll animation għat-tfal matul l-istess toroq, flimkien mal-Banda San Ġorġ li ddur ma' dawn it-toroq tferraħ b'għanjiet tal-Milied. Il-Malta Tourism Authority se jkun mitluba jipprovdu ukoll xi banded barranin li ta' kull sena jkun jżuru l-gzira. Ukoll fil-Kappella tal-Konservatorju se ssir Adorazzjoni għal-ħdax ta' bil-lejl, kif ukoll animazzjoni bil-kor ta' Santa Tereża. Filwaqt li fl-għalqa ta' wara l-Kunsill, wara li jsir xogħol ta' tindif, se jitwaqqaf presepju ħaj, kif ukoll fil-kappella ta' Santa Margerita se jkun hemm kor bl-orkestra u *carol singings*, jalternaw ikantaw ma' kor tat-tfal. Barra dan kollu se jitwaqqfu *stands* ta' l-ikel mill-għaqdiet ta' Bormla. Hemm il-ħsieb ukoll li jsir party għat-tfal bejn l-erba' snin u tnax-il sena, fil-każin tal-Banda San Ġorġ, bl-isponsorship ta' benefattur.

**Is-Sindku** nforma lill-Kunsill li kien kiteb lis-sur Martin Bugelli, Direttur Ġenerali tad-Dipartiment ta' l-Informazzjoni dwar din l-attivita' tal-Milied, fejn talab l-għajnuna tiegħu f'din l-attivita', speċjalment f'dak li għandu x'jaqsam ma' kotba tal-qari għat-tfal, sabiex jitqassmu bħala rigali.

**Is-Sindku** fisser ukoll li l-Kunsill għandu jagħmel stedina lir-residenti tal-lokalita' kollha għal din l-attivita' fejn ukoll mill-Uffiċċju tal-President ta' Malta waslet talba lill-Kunsill sabiex tinżamm attivita' fil-lokalita' sabiex jinġabru għotjiet għall-istrina. Is-Sindku ssuġġerixxa li din l-attivita' għandha tkun parti mill-attivita' tal-Milied li l-Kunsill ser jorganizza. Huwa fisser li qed ikun stmat li sabiex titella' din l-attivita' jkun hemm spiża ta' madwar tmint elef Euro, iżda jekk jsir bħas-sena li għaddiet, l-għajnuna ta' l-iSponsors għandha tnaqqas din l-ispiża konsiderevolment. Tressqet lista ta' l-ispejjeż għal din l-attivita', u kien innutat li fil-lista hemm inkluż ukoll l-ispejjeż ta' tindif ta' areas partikulari, u kien hemm qbil li dawn ma jkunu inklużi ma' l-ispejjeż ta' l-attivita', iżda meqjusa bħala spejjeż ta' tindif. Għal dan ix-xogħol tressqu żewġ kwotazzjonijiet fejn il-Kunsill unanimament qabel li dan ix-xogħol ta' tindif isir minn Euro Clean Wsate Service għas-somma kkwotata ta' Euro 909, filwaqt li l-kwotazzjoni tar-Roads Maintenance Services Ltd għas-somma ta' Euro 2350 ma kenitx aċċettata.

**Il-Kunsillier James Cauchi** osserva li b'din l-attivita' kif proposta hemm eskluż iċ-ċentru ta' Bormla, bis-suq u l-madwar u għalhekk staqsa jekk is-suq hux sejjer ikun armat u jkun bl-atmosfera tal-Milied xorta waħda, fejn sostna li din l-idea mressqa hija eċċellenti mingħajr ma tkun eskluża il-qalba, il-parti ċentrali ta' Bormla. It-tieni osservazzjoni li ressaq il-Kunsillier James Cauchi kienet dwar in-nefqa proposta għal din l-attivita'. Huwa ssuġġerixxa li għandu jkun hemm ftehim minn qabel bejn il-Kunsill u l-għaqdiet li se jieħdu sehem sabiex

jekk it-temp iħassar l-attivita', ma jitħallsux l-ammont kollu imma għanhom jingħataw perċentaġġ mill-ispiża mifthiema. Għandu jkun hemm ghotja sa 20% ta' l-ammont mifthiem jekk l-attivita' titħassar minn kmieni bil-maltemp. U fl-aħħarnett huwa staqsa kif se jkunu nvoluti s-sidien tal-Ħwienet f'din l-attivita'.

**Il-Kunsillier Raymond Balzan** issuġġerixxa li jsir reklamar u avviżi permezz tal-media, kif ukoll reklamar fil-gazzetti ta' din l-attivita' għall-Milied.

**Is-Sindku** kkonferma li l-qalba ta' Bormla, s-suq, sejjer ikun armat bħas-soltu bil-festuni tad-dawl u bl-atmosfera tal-Milied, filwaqt li tal-ħwienet ukoll sejrin ikunu nvoluti f'din l-attivita' billi jkunu mistiedna jibqgħu miftuħin dak in-nhar ta' l-attivita'. Huwa fisser li permezz ta' flyers u posters isir ir-reklamar għal din l-attivita', kif ukoll informa lill-Kunsill li ser jingħata spazju ta' żewġ paġni fil-ktieb tal-parroċċa, bħala reklamar għal din l-attivita'. Huwa qabel ukoll mas-suġġeriment li jsir ftehim minn qabel dwar il-ħlas li għandu jsir jekk din l-attivita' titħassar minħabba l-maltemp.

**Is-Sindku Joseph Scerri** ppropona l-approvazzjoni ta' din l-attivita' tal-Kunsill għall-Milied, kif spjegat fil-laqgħa.

**Il-Kunsillier Raymond Balzan** issekonda.

**Il-Kunsill unanimament approva** din il-mozzjoni dwar l-attivita' tal-Milied.

**06/03 19 TA' NOVEMBRU – JUM BORMLA 2009**

**Is-Sindku Joseph Scerri** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill programm ta' attivitajiet għal Jum Bormla 2009 fid-19 ta' Novembru. Ser tkun organizzata quddiesa ta' ringrazzjament u wara jingħata Ġieħ lill-Monument. Iżda għal din is-sena hu maħsub li wara kulħadd jinġabar fil-każin tal-Banda San Ġorġ fejn isir feature dwar Bniedem Bormliż, u wara jingħata Ġieħ Bormla 2009. Għal din l-attivita' ser ikunu mistiedna klassi minn kull skola tal-Gvern u tas-St. Francis.  Il-Feature sejjer isir dwar Abraham Gatt, fejn l-għan huwa li l-Kunsill iħajjar lit-tfal permezz ta' kompetizzjoni dwar din il-persuna, li tista' tkun kitba jew tpinġija. Din l-attivita' għandha tkun maħsuba li ddum anqas minn sagħtejn u li għaliha jkunu mistedna bħas-soltu l-Għaqdiet Kollha, ma' l-Arċipriet u l-Kunsill kollu.

**Il-Kunsillier John Vella** ppropona li f'seduta oħra l-Kunsill għandu jiddiskuti u jikkunsidra eżattament meta għandu jkun Jum Bormla. Żmien ilu kien l-1 ta' Ġunju li kien iċċelebrat bħala Jum Bormla.

Is-Sindku ppropona l-approvazzjoni ta' din l-attivita', li l-Kunsill jiffinanzja l-fjuri għal fuq il-Monument kif ukoll ir-reception ta' l-attivita'

Il-Viċi Sindku Alison Zerafa issekondat il-mozzjoni. Il-Kunsill

unanimament approva l-attivita' ta' Jum Bormla 2009.

**06/04 GIEĦ BORMLA 2009**

**Il-Kunsillier Roderick Mamo** fisser il-proposta tas-sotto kumitat Anzjani li ppropona li Ġieħ Bormla 2009 jingħata lis-sur Laurence Lorenzo, bniedem li ħadem fil-parroċċa ta' Bormla, ħadem dejjem għall-komunita mingħajr qatt ma ħa sold lill-Komunita'. Is-Servizz tiegħu huwa mprezzabbli.

**Is-Sindku** għalhekk ressaq il-mozzjoni u ppropona li Ġieħ Bormla 2009 jingħata mill-Kunsill lis-sur Laurence Lorenzo.

**Il-Kunsillier Roderick Mamo** ssekonda

Il-Kunsill unanimament approva li Gieħ Bormla 2009 jingħata lis-sur Laurence Lorenzo.

**06/05 MINUTI TAS-SOTTO KUMITAT ĦARSIEN SOĊJALI U PERSUNI B'DIŻABILITA'**

**DOK 'A2'**

**Il-Kunsillier James Cauchi** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill u poġġa fuq il-mejda kopja tal-minuti tar-raba' laqgħa, fejn kienu diskussi il-punti dwar;

- Iktar parteċipazzjoni tal-membri fil-ħidma tal-Kunsill,
- Kampanja informattiva dwar il-ħarsien Soċjali
- L-aċċessibilita' u s-servizzi tal-persuni b'diżabilita'.

**06/06 ĦATRA TA' SEGRETARJU EŻEKUTTIV DOK 'B'**

**Is-Sindku Joseph Scerri** talab lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv jaqra r-Rapport tal-Bord maħtur biex jirrikmanda dwar l-għażla ta' Segretarju Eżekuttiv sabiex ir-rakkomandazzjoni tal-Bord tkun diskussa fil-Kunsill.

**Is-Sindku Joseph Scerri** ressaq din ir-riżoluzzjoni dwar il-ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv;

"Qed inpoġġi fuq il-Mejda r-rapport tal-Bord maħtur biex jirrikmanda l-għażla ta' Segretarju Eżekuttiv prospettiv –

Nipproponi li l-Kunsill jikkonsidra r-rakkomandazzjoni u japprova l-għażla tal-Bord li s-sinjura Debbie Cassar tinħatar Segretarja Eżekuttiva"

**Il-Kunsillier John Vella** ssekonda

**Il-Kunsillier James Cauchi** rrimarka li mingħajr ma jidħol fil-mertu tal-għażla u dwar il-kompetenza tal-persuni ntervistati, ried jiġbed l-attenzjoni tal-Kunsill li fil-limitazzjoni ta' l-għażla li l-Kunsill spiċċa jrid jagħżel minn tliet persuni biss, għaliex minn għaxar persuni mibgħuta mill-ETC kienu biss tlieta li bagħtu s-CV's tagħhom, kif ukoll minħabba li l-Kunsill kien ukoll infurmat li għandu jwassal ir-rakkomandazzjoni

għand id-Dipartiment sa' mhux aktar tard mill-Aħħar t'Ottubru 2009, kien għalhekk tal-fehma li l-Kunsill għandu jitlob sabiex jingħata aktar żmien sabiex ikollu ċans jagħmel sejħa oħra.

**Is-Sindku Joseph Scerri** fakkar li mill-1 ta' Novembru se jidħlu fis-seħħ l-maġġor parti tal-artikli tal-Att biex jemenda l-Att tal-Kunsilli Lokali u għahekk dan kien l-aħħar ċans li tista' ssir din l-għażla bil-metodu preżenti.

**Il-Kunsillier John Vella** kien tal-fehma li mis-cv's u ċ-ċertifikati li kienu ppreżentati, dawn iż-żewġ persuni huma sew ikkwalifikati, u dan kien ukoll ikkonfermat mill-istess ETC, għalkemm jirriżulta li wieħed mill-applikanti għandu kwalifika baxxa fit-taħrig ta' l-accounts.

**Il-Kunsillier Roderick Mamo** fakkar li dan l-applikant kien sostna li kien se jieħu kors ta' l-accounts, meta kien intervistat dwar il-marki li għandu.

**Il-Viċi Sindku Alison Zerafa** qalet li l-Bord daħal fid-dettal fl-intervisti li għamel lil dawn l-applikanti u fiż-żewġ intervisti ħarġet il-kapaċita' personali ta' kull wieħed, biss is-sinjura Cassar inħasset u dehret aktar kunfidenti u b'esperjenza mill-kandidati l-oħra.

**Is-Sindku** tenna li veru hemm pressjoni sabiex sa' l-aħħar ta' Ottubru l-Kunsill iressaq rakkomandazzjoni, iżda jħoss li l-Kunsill m'għandux raġuni valida għaliex ir-rapport ma' għandux jiġi approvat, meta l-membri tal-Bord qablu dwaru.

**Is-Sindku** ppropona l-approvazzjoni tar-rapport.

Saret Votazzjoni b'dan ir-riżultat;
Sitt (6) Voti favur,
Xejn (0) Voti Kontra, u
Wieħed (1) Astjena

Għalhekk ir-riżoluzzjoni kienet approvata b'Sitt Voti favur u Astensjoni waħda.

**06/07 STIMA TAL-BANKINA FI TRIQ L-ORATORJU DOK 'C'**

Is-Sindku ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill żewġ stimi maħduma mill-perit tal-Kunsill dwar il-Bankina proposta li ssir fi Triq l-Oratorju. L-ewwel stima bix-xogħol isir bil-*hardstone paving* eżistenti li jitnaddaf u jerġa' jitqiegħed lura kif suppost, għas-somma ta' 6014Euro, filwaqt li t-tieni stima tippreżenta l-istess bankina, iżda tinħadem bil-konkos għas-somma ta' 3549Euro.
Il-Kunsill unanimament qabel li din il-bankina għandh tinħadem skont l-ewwel stima, bil-*hardstone paving*.

**06/08 MEMO 65/2009 DOK 'D'**

**Is-Sindku** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-Memo 65/2009 dwar l-Att nru. XVI tal-2009 Avviż ta' Bidu fis-Seħħ.

**06/09 LAQGĦA DWAR IL-LIBRERIJA**

**Il-Viċi Sindku Alison Zerafa** fissret li tkellmet mas-sur Steve Borg tal-Librerija Nazzjonali, fejn wera x-xewqa li jżur il-librerija ta' Bormla. Għalhekk għandu jsir kuntatt mas-sur Borg u jkun mistieden jara x-xogħol li għaddej fil-librerija.

Is-Seduta ntemmet fis-9.10 ta' fil-għaxija.

Is-Seduta li jmiss kienet iffissata għall-Ħamis, 5 ta' Novembru 2009 fis-6.30 ta' fil-għaxija.

| | |
|---|---|
| **Joseph Scerri** | **John Farrugia** |
| **Sindku** | **Aġent Segretarju Eżekuttiv** |